MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 129/1998/1

Anthony u Rose konjugi Vella .

vs

Coronato u Pauline konjugi Said .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi u l-haddiema taghhom ghamlu xoghol ta' bini fit-tieni sular tal-fond proprjeta' tal-konvenuti fi Plot 102 f'Tal-Hali H.O.S. fin-Nadur, Ghawdex, fuq struzzjonijiet tal-konvenuti stess ;

Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) bhala hlas dovut tax-xoghol li sar fil-proprjeta' hawn fuq imsemmija ;

Illi ghalkemm il-konvenuti ammettew kemm-il darba mal-atturi li ghandhom ihallsu dan l-ammont u kienu interpellati diversi drabi mill-atturi nkluz b'ittra ufficjali bid-data tat-tnejn (2) ta' Marzu, elf disa' mija tmienja u disghin (1998) biex ihallsu tax-xoghol li l-atturi ghamlu fil-proprjeta' hawn fuq imsemmija, huma baqghu inadempjenti ;

Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u sa fejn jafu l-atturi l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni ;

Illi ghaldaqstant l-atturi qed jipprocedu ghal din il-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u qed jitolbu ai termini tal-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili ;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont komplessiv ta' elf u seba' mitt lira maltin (Lm1,700) ;

3. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi din is-somma, bl-interess legali fuq l-istess somma mid-disgha (9) ta' Frar elf disa' mija tmienja u disghin (1998) sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-disgha (9) ta' Frar elf disa' mija tmienja u disghin (1998), ta' l-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Marzu elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Anthony Vella .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi :

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija ampjament preskritta, ai termini ta' l-artikoli 2148 u 2149 et sequitur tal-Kodici Civli (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) .

2. Illi fil-fatt l-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi .

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal l-eccezzjonijiet ta' qabel din ix-xoghol minn l-atturi ma sarx skond is-sengha u l-arti .

4. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-prezz mitlub huwa wiehed eccessiv .

5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-execeptio inadempleti contractus, stante li x-xoghl baqa' qatt ma tkompla fl-interezza tieghu .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Pauline Said .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal tat-12 ta' Ottubru 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni .

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuti .
Ikkunsidrat :

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ghal xoghol ta' kostruzzjoni mwettaq mill-attur fil-bini tad-dar gdida taghhom fil-Housing Estate tal-Hali, limiti tan-Nadur, Ghawdex . Jidher illi dan ix-xoghol kien sar xi erba' (4) snin qabel ma giet intavolata din il-kawza, u l-unika ittra ufficcjali fejn il-konvenuti gew interpellati jhallsu saret biss fit-2 ta' Marzu 1998 . In linea preliminari l-konvenuti

eccepew il-preskrizzjoni u ghalhekk bdew jinstemghu il-provi dwar din l-eccezzjoni . A tenur ta' l-artiklu 2148 tal-Kap. 16, il-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz in ezami hija dik ta' tmintax il-xahar .

Wara li xehed l-attur, ittellghet tixhed in subizzjoni l-konvenuta fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2001[1] fejn sarulha domandi specifici mill-legali ta' l-atturi li ghalihom il-konvenuta wiegbet inekwivokament u bla tlaqlieq . Hekk nsibu jinghad testwalment :

"Dr. Chris Said : *Ara sinjura, inti ghal li jista' jkun, minn l-ahhar darba li xhedt sal-lum, ftakart fejn hallastu lil Vella ?*

Xhud : *Ma niftakarx* .

Dr. Chris Said : *Ma tiftakarx fejn hallastu* ?

Xhud : *Ma niftakarx* .

Dr. Chris Said : ***Pero' tikkonferma li hallastu ?***

Xhud : ***iva** .*

Dr. Chris Said : *bil-gurament tieghek* .

Xhud : ***Ma nafx li ghandi naghtih jien .***

Dr. Chris Said : *Mhux tafx ghandekx taghtih jew le . Jekk hallastux tax-xoghol tat-tieni sular, tax-xoghol li ghamel fit-tieni sular* .

Xhud : ***Jien ma ghandix x'naghtih** .*

Dr. Chris Said : ***Ma ghandekx taghtih*** ?

Xhud : ***Le ma ghandix*** .

Dr. Chris Said *:* ***Jigifieri hallastu*** ?

[1] A fol. 32 tal-process .

Xhud *:* ***Iva*** .”

Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa ghalhekk li tara u tiddecidi jekk b’dan it-tip ta’ domandi tieghu l-legali ta’ l-attur kienx qed jaghti effett ghall-provvedimenti ta’ l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 dwar l-hekk imsejjah **gurament decizorju** . Dan l-artikolu jistipula illi :

“***Il-preskrizzjoni msemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2156 u 2157 m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri,jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa***.”

Il-**Giorgi** jghallem f’dan ir-rigward illi :

“*Per restarne persuasi bisogna muoversi dal considerare****, che la prescrizione viene opposta dal convenuto,*** *che deducendola sostiene implicitamente avvenuta estinsione del debito; mentre* ***il giuramento non puo’ essere deferito che dall’attore****, il quale per contrario pretende non essere stato sodisfatto il debito . Cio’ ritenuto, si capisce, che in siffatti termini di controversia la formula del giuramento, essendo proposta da chi sostiene l’inesistenza di qualsiasi pagamento, non specifichera’ mai ne’ questo, ne’ quel fatto . Dira’ senz’altro, giurate, che il debito fu realmente estinto . Sara’ per avventura il convenuto, che nel giurare specifichera’ in qual modo avvenne l’estinzione’ e non sarebbe giusitzia di negargli questa facolta’ .* ***Certo il convenuto non e’ obbligato per legge a specificare il modo del pagamento, ne’ l’attore puo’ da lui pretendere, che un si’ o un no****; ma puo’ il convenuto nella sua coscienza sentirne il dover…… Ora,* ***poiche’ la legge non ammette contro la prescrizione, che il solo giuramento, non puo’ essere consentito al giudice di aprire adito ad altre prove***.”[2]

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jippronunzjaw ruhhom dwar dan il-gurament, u dejjem gie ritenut illi meta l-atter jaghzel biex itella lill-konvenut li jkun eccepixxa l-

[2] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano: vol. VIII, Firenze 1911, para. 397, pag. 583 - 586 .

preskrizzjoni hekk imsejjha *brevi*, sabiex jixhed in kontro-ezami, bhal ma ghandna fil-kaz taghna, din ghandha titqies ippruvata kemm il-darba l-konvenut iwiegeb li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa . Hekk insibu jinghad illi :

"*Hija haga maghrufa fid-dritt illi din l-eccezzjoni ghandha bhala bazi u fundament guridiku taghha l-ordni socjali, illi meta jkun ghadda certu zmien id-dritt jintilef, ghaliex il-legislatur kellu fl-ideja tieghu illi l-kawzi ma jkollhomx zmien interminabbli b'evidenti dizordni fis-socjeta' u ghaliex wara certu zmien id-debitur jista' jitlef dawk il-provi li huwa seta' jgib fiz-zmien ta' qabel . Pero' billi din l-eccezzjoni hija bazata wkoll fuq il-kuxjenza tad-debitur illi jkun qieghed jaghtiha, il-ligi ma tippermettix li tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officcio, u precizament ghaliex qieghda bazata fuq il-kuxjenza tad-debitur, il-kreditur biex jinvoka izjed il-kuxjenza tieghu, jista' jitlob illi jkun differit lid-debitur il-gurament skond il-formula tal-ligi*."[3]

Hekk ukoll inghad illi meta l-attur jaghzel din it-triq biex iwaqqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma jistghax wara li jkun ta dan il-gurament lill-konvenut, jerga' jgib provi ohra f'tentattiv li jikkontradici dak li jkun xehed il-konvenut .

"*Meta l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur, ghalkemm qabel seta' jikkombatti l-preskrizzjoni b'mezzi ohra, ma jistghax jerga' lura u jaghzel mezz iehor, ghax kif kien qal l-Imhallef Dott.Lorenzo Xuereb fil-kawza Bianchi vs Guzman – 30 Ottubru 1872, vol. VI. 310 … l-attur,f'kaz bhal dan ikun qed jirrimetti ruhu ghall-kuxjenza tal-konvenut u jeleggieh imhallef tal-kawza tieghu stess …… Infatti gie rakkomandat fil-gurisprudenza li din il-procedura, meta ghandha issir, issir fl-ahhar lok u wara li jkunu gew ezawriti l-mezzi l-ohra impunjattivi tal-preskrizzjoni, ghax il-fatt li l-attur jaghzel li jtella lill-konvenut fil-pedana tax-xhieda juri li hu stess jammetti li l-preskrizzjoni hi opponibbli f'dawk il-fattispecje, u li ma hemm l-ebda sospensjoni jew interruzzjoni taghha, tant li hu - l-attur –*

[3] Giuseppe Bugeja noe. vs Giorgio Zammit: 27.5.1938; vol. XXX. I. 645 .

*jasal biex juri li jrid jipprova b'dan il-mezz estrem tal-delazzjoni tal-gurament*."[4]

Meta jinghata dan il-guramnet u l-konvenut iwiegeb fis-sens indikat fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16, ma tista' ssir ebda indagini ulterjuri dwar ir-ragunijiet ghaliex il-konvenut ikun wiegeb b'dan il-mod .

"*Meta huwa* (id-debitur) *jiehu l-gurament fis-sens li ma ghandux jaghti,il-Qorti ghandha tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu tal-preskrizzjoni, minghajr ma tindahal jekk ir-ragunijiet li huwa ghandu biex ma jhallasx humiex tajba jew le*."[5]

Lanqas ma hu mehtieg li jintuza il-kliem specifiku imsemmi f'dan l-artikolu .

"*Che i termini del giuramento…. non sono tali da non essere sostituite da altri equipollenti, purche' non se ne cambii il senso e la sostanza*."[6]

Fil-kaz in ezami nsibu illi l-attur ghazel li jtella lill-konvenuta tixhed in subizzjoni wara li kien xehed hu u f'tentattiv li jikkumbatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar li kienu qed jeccepixxu in linea preliminari l-konvenuti. Il-konvenuta mistoqsija jekk kienitx hallset lill-attur, wiegbet li ma tafx li kellha taghtih u li kienet hallset lill-attur . F'tali cirkostanzi fejn saru domandi specifici lill-konvenuti jekk ghandhiex taghti xi haga jew le lill-attur u hija wiegbet fin-negattiv, dan l-ezami in subizzjoni taghha ma jistghax ma jitqiex bhala gurament decizorju ghall-fini ta' l-artikolu 2160 tal-Kap. 16 . Il-preskrizzjoni hija ghalhekk, a bazi tal-principji hawn fuq imsemmija, ppruvata u ma jistghax issa l-attur iressaq ebda provi ohra sabiex jikkontradici lill-konvenuta f'dak li stqarret solennement taht l-istess gurament .

---

[4] Chief Government Medical Officer vs Giorgina Muscat: 8.3.1978 (mhux pubblikata)

[5] Giovanni Camilleri vs Dr. Arturo Cassar; 12.6.1944; vol. XXXII. I. 58

[6] Carmela Fenech vs Gio.Maria Bugeja: 10.4.1926; vol. XXVI. I. sezz. iii. 300 .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa'  din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u  tichad it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom .
S12998Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------